

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-132/06) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 10 KE — Is-Sitt Direttiva tal-VAT — Obbligi taħt is-sistema legali interna — Verifika tat-tranżazzjonijiet taxxabli — Amnestija)

(2008/C 223/05)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Traversa u M. Afonso, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. Braguglia, aġent u G. De Bellis, avvocato dello Stato)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikoli 2, u 22, tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1) — Obbligi taħt is-sistema legali interna — Liġi nazzjonali li ttrinizza għall-kontroll ta' tranżazzjonijiet taxxabli mwettqa matul numru ta' perijodi fiskali.

Dispożittiv

1) Billi pprovdiet fl-Artikoli 8 u 9 tal-Liġi Nru 289 tas-27 ta' Diċembru 2002, dwar dispożizzjonijiet għat-tfassil tal-baġit annwali u pluriennali ta' l-Istat (liġi tal-finanzi għall-2003) [legge n. 289, disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (legge finanziaria 2003)], tas-27 ta' Diċembru 2002, għar-rinunzja ġenerali u mingħajr distinzjoni għall-verifika tat-tranżazzjonijiet taxxabli li saru matul ċertu perijodi ta' tassazzjoni, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2 u 22 tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif ukoll taħt l-Artikolu 10 KE.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 108, 6.5.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Lulju 2008 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Groningen — L-Olanda) — Essent Netwerk Noord BV, Nederlands Elektriciteit Administratiekantoor BV, Aluminium Delfzijl BV vs Aluminium Delfzijl BV, Staat der Nederlanden, Nederlands Elektriciteit Administratiekantoor BV, Saranne BV

(Kawża C-206/06) ⁽¹⁾

(Suq intern ta' l-enerġija elettrika — Leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti l-ġbir ta' żieda fuq il-prezz tat-trasport ta' l-enerġija elettrika għall-benefiċċju ta' kumpannija nnominata mil-liġi li hija responsabbli għall-ħlas ta' l-ispejjeż mhux irkuprabli — Taxxi ta' effett ekwivalenti għal dazju doganali — Taxxi interni diskriminatorji — Għajnuma mogħtija mill-Istati Membri)

(2008/C 223/06)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Groningen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Essent Netwerk Noord BV, Nederlands Elektriciteit Administratiekantoor BV, Aluminium Delfzijl BV

Konvenuti: Aluminium Delfzijl BV, Staat der Nederlanden, Nederlands Elektriciteit Administratiekantoor BV, Saranne BV

Suġġett

Talba għal domanda preliminari — Rechtbank Groningen — Interpretazzjoni ta' l-Artikoli 25 KE, 87(1) KE u 90 KE — Leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi żieda fil-prezz ta' l-elettriku dovut mill-konsumaturi stabbiliti fl-Olanda lill-operatur tas-sistema waqt perijodu tranżitorju — Obbligu, għal dan ta' l-aħħar,